MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.
FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 12/2011

**Carmel Gatt (ID 524728M) u wliedu Emanuel Gatt (ID 278160M), Giustina Sammut (ID 144847), Josephine Azzopardi (ID 906751M), Liberata Bugeja (ID 245154M), Philippa Micallef (ID 873752M) u Charles Gatt (ID 747762M) u, permezz ta' digriet datat 18 ta' Gunju 2012, l-istess ulied assumew l-atti flok missierhom Carmel Gatt illi gie nieqes.**

**vs**

**Emanuel Cortis (ID 781035M) u Pawla Cortin (ID 725828M)**

Illum 25 ta' Novembru 2013

Il-Bord,

Ra ir-rikors promotur ippresentat fil 15 ta' Settembru 2011 fejn ir-rikorrenti sahqu illi huma lkoll sidien ta' porzjon

diviza mil-ghalqa maghrufa bhala "Ta' Bagozz" sive "Ta' Gadozza", fil-kontrada ta' San Gakbu, fil-limiti ta' Haz-Zebbug, Malta, tal-kejl ta' elfejn, tmein mija u tmintax-il metru kwadru. Huma sahqu illi l-intimati Cortis aggravaw l-ghalqa billi wessghu u estendew servitu' eziztenti favur terzi konsistenti f'passagg u hadu bicca mill-ghalqa biex taw access lill terzi. Huwa sahqu wkoll illi biddlu l-uzu ta' l-istess ghalqa billi ikkonvertew parti minnha f'barbeque area filwaqt illi kkontendew li l-intimati bnew u zviluppawghal skopijiet ta' divertiment strutturi illegali u minghajr il-permess taghhom. Ghalhek huma talbu illi jiehdu lura l-art in kwistjoni.

Ra ir-risposta ta' l-intimati ippresentat fit 28 ta' Frar 2012 fejn laqghu ghal dak allegat billi stqarrew li kollox kien infondat fil-fatt u fid-dritt. Sahqu illi t-trejqa li dwarha kienu qed jilmentaw ir-rikorrenti kienet dejjem hemm filwaqt illi sahqu illi l-ghalqa tintuza ghal skopijiet agrikoli. Huma irrilevaw ukoll illi kwalsiasi zvilupp ilmentat mir-rikorrenti sar f'bicca ghalqa illi hija ta' terzi u mhux tar-rikorrenti. Finalment, l-intimati eccepew illi r-rikorrenti ma kienux il-legittimi kontraditturi peress illi hemm terzi persuni involuti fl-ghalqa ukoll u ghalhekk kellhom jippruvaw it-titolu li jivvantaw.

Ra illi fil 21 ta' Marzu 2012 il-Bord ordna lir-rikorrenti jippresentaw id-dokumentazzjoni relattiva mat-titolu li huma jivvantaw in vista tal-hames u sitt eccezzjoni tal-intimati.

Ra illi fit 3 ta' April 2012 ir-rikorrenti ippresentaw kuntratt ta' Att Dikjaratorju ta' Divizjoni maghmul fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri fl 4 ta' April 2007 u li fih huwa kkonfermat fi klawsola 3 a fol 47 illi "Carmelo u Maria theresa, konjugi Gatt kienu, huma u ghadhom sidien esklussivi ta' dik il-porzjoni divia mill-Ghalqa maghrufa bhala 'ta' Bagozz' sive 'ta' Gadozza', fil-kontrada ta' San Giagbu, limiti ta' Zebbug, Malta, li fiha kejl superficjali ta' elfejn tmien mija u tmintax-il metru kwadru".

Ra l-affidavits ta' **Liberata Bugeja** u **Josephine Azzopardi** ippresentati fis 27 ta' Gunju 2012.

Ra l-affidavit ta' **Emanuel Gatt** ippresentat fid 9 ta' Lulju 2012.

Ra illi fl 24 ta' Ottubru 2012, fuq talba tal-partijiet, il-Bord ordna illi jingiebu provi dwar il-hames eccezzjoni, ossija l-eccezzjoni fejn l-intimati ghajjmu l-kwistjoni illi r-rikorrenti ma kienux il-legittimi kontraditturi peress illi hemm terzi persuni involuti fl-ghalqa ukoll u ghalhekk kellhom jippruvaw it-titolu li jivvantaw.

Ra l-affidavit ta' **Carmelo Cortis** ippresentat fid 19 ta' Novembru 2012 bid-dokumentazzjoni maghha annessa.

Ra illi fit 23 ta' Novembru 2012, fuq talba tal-partijiet, il-Bord appunta lill-Perit Alan Saliba sabiex jezamina d-dokumentazzjoni u pjanti esebiti miz-zewgt partijiet, jaccedi fuq il-post biex jivverifika l-pjanti ppresentati u min jaghmel uzu mill-artijiet u jirrelata lill-Bord.

Ra illi fit 22 ta' Jannar 2013 il-Perit Alan Saliba ippresenta ir-rapport tieghu fejn indika illi l-intimati jippossjedu tlett artijiet adjacenti ma xulxin u wahda minnhom, illi hija dik li minnha hemm access ghat-tlett eghlieqi fil-pussess ta' l-intimati, hija propjeta tar-rikorrenti.

Ra illi fid 9 ta' Mejju 2013 il-Bord iddecieda li, fuq il-provi li hemm, jiddeciedi dwar il-hames u sitt eccezzjoni imqajjma mill-intimat.

**Ikkunsidra**

Iz-zewgt eccezzjonijiet illi dana il-Bord ser jikkunsidra u jiddeciedi il-Bord permezz tas-sentenza odjerna huwa il-hames u sitt eccezzjoni, illi jghidu kif gej:

*" 1. Illi, kif jista ampjament jigi ppruvat ir-rikorrenti mhux il-legittimi kontradditturi u ma ghandhom ebda titolu legali tal-imsemmija art stante illi hemm terzi li huma propretarji tal- istess u ghalhekk in lineja preliminari*

*ghandhom jippruvaw it-titolu u l-qisien ezatti tal-art taghhom sabiex jistghu jippromuovu tali azzjoni.*

2. *Ir-rikorrenti dejjem naqqsu li jipproducu lill-esponenti intimati titolu u provenjenza tal- istess u in fatti hemm hlas ta' qbiela lill-sidien ohra."*

Irrizulta mid-dokumentazzjoni prodotta illi l-art meritu tal-kawza odjerna tifforma parti minn art ferm akbar illi kienet originalment indiviza bejn diversi persuni, fosthom il-familja tar-rikorrenti.

Irrizulta wkoll illi permezz ta' Att Dikjaratorju ta' Divizjoni ippubblikat fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri fl 4 ta' April 2007, giet annessa pjanta tal-art in kwistjoni u gie dikjarat illi l-bicca art ikkulurita blu li ghandha l-ittra A hija tar-rikorrenti, u dana billi gie dikjarat mill-partijiet kollha fil-kuntratt illi "Carmelo u Maria theresa, konjugi Gatt kienu, huma u ghadhom sidien esklussivi ta' dik il-porzjoni divia mill-Ghalqa maghrufa bhala 'ta' Bagozz' sive 'ta' Gadozza', fil-kontrada ta' San Giagbu, limiti ta' Zebbug, Malta, li fiha kejl superficjali ta' elfejn tmien mija u tmintax-il metru kwadru".

Irrizulta wkoll illi l-istess pjanta utilizzata fil-kuntratt fuq imsemmi gie ezaminat mill-Perit imqabbad mill-Bord fuq talba tal-partijiet u gie kkonstatat illi l-ewwel parti ta' l-ghalqa li tinstab fil-pussess ta' l-intimati, u li hija mmarkata bl-ittra A kemm fil-pjanta annessa mal-kuntratt originali kif ukoll bl-ittra A fil-pjanta esebita mill-istess Perit bhala Dok ASP, hija propjeta tar-rikorrenti.

Illi ghalhekk, jirrizulta illi l-hames u sitt eccezzjonijiet ma jirrizultawx peress illi r-rikorrenti ghandhom titolu validu ta' propjeta' ghal tali ghalqa illi tifforma parti minn ghalqa akbar illi l-istess intimati jippossjedu.

Ghalhekk il-hames u sitt eccezzjonijiet ma jirrizultaw.

Il-Bord ghalhekk jichad il-hames u sitt eccezzjonijiet imressqa mill-intimati u, filwaqt illi jirriserva li jipprovdi dwar l-ispejjez fl-ahhar tal-kawza, jordna illi s-smiegh tal-kawza jitkompla.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------